Ref No: 2014/02/30

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal ghat-Talbiet Tal-Konsumaturi**

**Rikors Nru C.C.T G6/14/MS**

**Mario Parnis**

**vs**

**Eyad Abu Hishmah ezercenti l-kummerc taht l-isem Sky Phone**

Illum 16 ta' Jannar 2015.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Mario Parnis tat-30 ta' April 2014.

Ra r-risposta tal-intimat tas-26 ta' Mejju 2014.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati, sema' lix-xhieda kif ukoll it-trattazjoni tal-partijiet u ha konjizzjoni tal-atti kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra;**

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda *mobile phone* tal-marka Samsung Galaxy X illi r-rikorrent kien xtara fl-14 ta' Awwissu 2012 minghand il-hanut Sky Phone, gestit mill-konvenut, f'Victoria Ghawdex.

Illi l-attur xtara dan il-mudell partikolari biex juzah fuq *jet ski* u ghalhekk kellu jiflah ghall-ilma u jkun *water proof.*

Illi t-tribunal jaghmel referenza ghal specifikazzjonijiet ta' mobile Samsung S5690 Galaxy X cover ezebiti a fol 17 fejn dana juri illi dan il-mudell huwa *water proof* (up to 1 m for 30 minutes).

Illi ghalhekk jidher illi hemm kunflitt bejn dawn l-ispecifikazzjonijiet u l-istruzzjonijiet specifici illi l-intimat ta lill-attur dak in-nhar illi xtrah - u cjoe' illi l-mudell huwa biss *water resistant.*

Illi hu x'inhu, meta l-attur, minn jeddu, ha l-mobile ghat-tiswija specifikament ghac-*charging point* it-technician Mark Baker illi xehed f'dawn il-proceduri, kkonstata illi l-mobile in kwistjoni kien soggett ghal '*rough handling*' b'daqqiet vizibbli u bic-*charging point* maqlugh minn mal-board.

It-Tribunal jifhem illi biex ic-*charging point* jaqa' f'dak it-tip ta' hsara, u cjoe' jinqala' minn mal-board, bil-fors irid ikun soggett ghal daqqiet estensivi u ripetuti.

It-Tribunal jidhirlu li dana wahdu jinnewtralizza l-garanzija peress illi skond it-termini taghha, il-mobile ma kellux ikun soggett ghal *rough handling' falls, wear and tear, dust, exposure to moisture, dampness ....' (fol 12)* Din il-konstatazzjoni ta' Mark Baker giet approvata mill-*parent company* Samsung, skond kif xehed bil-gurament, l-istess Mark Baker.

Tant hu hekk, illi din it-tiswija ma saritx taht it-termini tal-garanzija u l-attur gie mitlub hlas ta' €30.00 li effettivament hallas. B'dan il-hlas, l-attur kien qieghed implicitament jirrikonoxxi n-nuqqas ta' applikazzjoni tal-garanzija, bl-aderzjoni tieghu illi jinfetah il-*mobile* u ssir it-tiswija. Bil-ftuh tal-mobile, l-attur messu kien jaf illi kwalunkwe resistenza ghall-ilma kien ser jintilef. Madankollu hu insista li l-mobile jissewwa - u ma talabx ghal wiehed gdid f'dak l-istadju. Kien kuntent bit-tiswija li kienet saret hawn Malta, sakemm rega' saritlu hsara ohra bil-perkolazzjoni tal-ilma.

Illi jinghad ukoll illi mhux maghruf jekk l-attur qaghadx ghall-istruzzjonijiet kif murija fid-dokument a fol 17, u cjoe' illi l-*mobile* ma jiddahhalx ghall-aktar minn metru ilma ghall-iktar minn 30 minuta.

Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi stante l-maltrattament tal-*mobile* mill-attur kif inghad aktar il-fuq, m'ghandux jilqa' t-talba tal-attur u konsegwentement jichad l-istess, bl-ispejjes kontra tieghu.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbitru**